MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 2477/2003

**Eden Entertainment Limited (C-26701)**

**Vs**

**Papyrus Reprographic Services Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u tmien liri Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm208.63c) rapprezentanti servizzi ta' reklamar rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta fuq Bay Radio.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' mitejn u tmien liri Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm208.63c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------